

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > 1 - Kif tikseb parir legali

1 - Kif tikseb parir legali

Kif nista' nsib avukat?

Jekk tkun suspettat b'reat, dejjem għandek id-dritt għal avukat. Il-pulizija tista' tistaqsik jekk tehtiegħx avukat, iżda bil-liġi m'għandekx bżonn avukat sakemm ma tkunx ġejt detenut, arrestat jew impriġunat. Normalment ikollok id-dritt li jkollok l-avukat li trid miegħek waqt li tiġi interrogat. Il-pulizija tista' wkoll issiblek avukat jekk taħseb li jkollok bżonn wieħed imma ma tkunx taf fejn tista' ssib wieħed.

Ma hemm l-ebda monopolju fuq l-avukatura fil-Finlandja, jiġifieri kull min għandu lawrja fil-liġi jista' jaħdem ta' avukat (il-liġi dwar dan bħalissa qed tiġi riveduta). Tista' ssib avukat kriminali fis-sit web [tal-Kamra tal-Avukati Finlandiża](#). Barra minn hekk, jistgħu jgħinuk l-Uffiċċji tal-Għajnuna Legali ([hawnhekk](#) tista' ssib l-informazzjoni ta' kuntatt tal-Uffiċċji tal-Għajnuna Legali).

Kif tħallas għal avukat

Ir-regola ewlenija hi li għas-servizzi tal-avukat tħallas int stess. Jekk id-dħul tiegħek ikun baxx, tista' tirċievi l-għajnuna legali. F'dak il-każ, l-Istat iħallas id-drittijiet kollha tal-avukat jew parti minnhom. Jekk tkun suspettat b'reat li s-sentenza l-aktar baxxa għalih hija ta' erba' xhur priġunerija, jitqabba avukat difensur għalik jekk titlob wieħed. L-Istat iħallas id-drittijiet tal-avukat difensur. Madankollu, ikollok tħallas lura d-drittijiet tal-avukat difensur lill-Istat jekk tiġi kkundannat għar-reat, sakemm id-dħul tiegħek ma jkunx daqshekk baxx li int intitolat għall-għajnuna legali. L-ammonti li trid tħallas jiġu ddeterminati bl-istess mod bħal għall-għajnuna legali.

L-avukat difensur jista' jkun avukat għall-għajnuna legali pubbliku, jew avukat ieħor. Normalment, jekk titlob avukat speċifiku, huwa jinħatar bħala l-avukat tiegħek.

Hoġoq relatati

[Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża](#)

[Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża](#)

[Finlands Advokatförbund](#)

[Oikeusaputoimistojen yhteystiedot](#)

[Contact information of the public legal aid offices](#)

[Kontaktinformation för rätts hjälpsbyråerna](#)

[Income limits for receiving legal aid](#)

[Inkomstgränser för beviljande av rätts hjälp](#)

■ L-aħħar aġġornament: 12/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.